Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,456, 7 ta' Awwissu, 2020
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XLIV tal-2020

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex ikompli jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta relattiv għall-ħatra tal-President ta' Malta.

ACT No. XLIV of 2020

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to further amend the Constitution of Malta relative to the appointment of the President of Malta.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
President

7 ta' Awwissu, 2020

ATT Nru XLIV tal-2020

ATT sabiex ikompli jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta relattiv għall-ħatra tal-President ta' Malta.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor.

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2020 li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta (Emenda Nru 2) u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Kostituzzjoni ta' Malta, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni".

Emenda tal-artikolu 48 tal-Kostituzzjoni.

2. L-artikolu 48 tal-Kostituzzjoni għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(1) Għandu jkun hemm President ta' Malta li għandu jiġi maħtur b'Riżoluzzjoni li jkollha favur tagħha l-voti ta' mhux inqas minn żewġ terzi tal-membri kollha tal-Kamra:

Iżda illi minkejja d-dispożizzjoni tas-subartikolu (3)(a), jekk ir-Riżoluzzjoni ma jkollhiex favur tagħha il-voti ta' mhux inqas minn żewġ terzi tal-membri kollha tal-Kamra, il-persuna li tkun tokkupa l-kariga ta' President ta' Malta għandha, fi kwalunkwe ċirkostanza,

tibqa' fil-kariga sakemm ir-Riżoluzzjoni jkollha favur tagħha l-voti ta' mhux inqas minn żewġ terzi tal-membri kollha tal-Kamra."; u

(b) il-paragrafu (b) tas-subartikolu (3) għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) jekk id-detentur tal-kariga jitneħħa wara indirizz mill-Kamra li jkollu favur tiegħu voti ta' mhux inqas minn żewġ terzi tal-membri kollha tagħha u jitolbu għal din it-tneħħija fuq il-bażi ta' inkapaċità pruvata li jwettaq il-funzjonijiet tiegħu (sew jekk minħabba f'inkapaċità tal-ġisem jew tal-moħħ jew minħabba xi kawża oħra) jew imġiba ħażina pruvata:

Iżda l-Parlament jista' b'liġi jirregola l-proċedura għall-preżentazzjoni ta' indirizz u għall-investigazzjoni u prova ta' inkapaċità jew imġiba ħażina tad-detentur tal-kariga taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu.".

Emenda tal-artikolu 78 tal-Kostituzzjoni.

3. Fis-subartikolu (3) tal-artikolu 78 tal-Kostituzzjoni minnufih wara l-kliem "jikkonferixxi funzjonijiet" għandhom jiżdiedu l-kliem "fuq il-President jew".

Emenda tal-artikolu 85 tal-Kostituzzjoni.

4. Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 85 tal-Kostituzzjoni, minnufih wara l-paragrafu (e) għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(f) fl-eżerċizzju tas-setgħat konferiti minn din il-Kostituzzjoni li jagħmel ħatriet għal xi kariga skont il-Kostituzzjoni.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 366 tad-29 ta' Lulju, 2020.

CLAUDETTE BUTTIGIEG
Deputy Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati